



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

February 2023 | MT

EDIZZJONI SPEĠJALI KESE info – Premju tas-Soġjetà Ċivili 2022

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Wie? lil daww kollha li jġibu daww fil-komunitajiet tagħhom

Għieħ lil daww kollha li jġibu t-tama għall-komunitajiet tagħhom

Għeżieħ qarrejja,

Lura lejn l-aħħar tal-2021, l-UE ddeċidiet li tagħmel l-2022 is-sena taż-żgħażaġħ. L-għan tagħha kien li tixħet daww fuq is-sitwazzjoni taż-żgħażaġħ, speċjalment fl-isfond tal-kriżi tal-COVID-19, li kienet pjuttost diffiċli għalihom, u affettwat ħażin is-sitwazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol kif ukoll l-edukazzjoni tagħhom.

L-UE riedet tħeġġeġ lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jippromovu opportunitajiet għaż-żgħażaġħ u jħeġġuhom isiru ċittadini attivi u atturi tal-bidla, u appellat għal impenn massimu ma' daww l-aktar diffiċli biex jintlaħqu: żgħażaġħ b'diżabilità, gruppi ta' minoranza u daww li jgħixu f'żoni żvantaġġati.

Ftit konna nafu li f'inqas minn xahrejn wara li bdiet is-sena li l-UE kienet iddedikat liż-żgħażaġħ, id-destin kiefer ried li ż-żgħażaġħ fil-fruntieri tal-Lvant tagħha jaħarbu lejn ix-xelters biex jinħbew mill-bombi u l-missili, jiġu mġiegħla jħallu pajjiżhom biex jevitaw li jinqatlu, jew jitilfu lil ħuthom, missirijethom jew ħajjithom stess fit-trinek imdemmiya tal-kampijiet tal-battalja Ukreni, wara l-attakk krudili tar-Russja fuq l-Ukraina u l-popolazzjoni ċivili tagħha.

F'din is-sena ta' avvenimenti ta' taqlib bħal dawn, il-KESE ddeċieda li jagħmel il-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili 2022 wieħed doppju, iddedikat għal żewġ temi – iż-żgħażaġħ u l-Ukraina.

Fl-ewwel kategorija intitolata "Insaħħu l-pożizzjoni taż-żgħażaġħ", fittixna proġetti li ħeġġew u għenu b'mod kreattiv lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda jsibu l-vuċi tagħhom u jżommu soda l-pożizzjoni tagħhom f'dinja li qed issir dejjem aktar polarizzata u ostili, u b'hekk jiffaċċjaw l-inflazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-enerġija, biex insemmu biss ftit mill-isfidi.

Il-premju fil-kategorija "Is-soċjetà ċivili Ewropea għall-Ukraina" kien maħsub biex jagħti għieħ lis-soċjetà ċivili, li mmobilizzat malajr biex tgħin lill-popolazzjoni ċivili Ukrena hekk kif faqqgħet il-gwerra, u biex jonora l-eluf ta' inizjattivi tas-soċjetà ċivili li nibtu ma' kullimkien fl-Ewropa b'reazzjoni għall-qagħda mwiegħra tal-Ukreni quddiem l-aggressjoni Russa.

Wasluna aktar minn mitt applikazzjoni u ma kienx komputu faċli li nagħżlu l-aħjar, peress li l-kandidati kollha tagħna jixirqilhom il-premju għad-dedikazzjoni u s-solidarjetà tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-premju tqassam bejn sitt organizzazzjonijiet, tlieta f'kull kategorija, minn ħames pajjiżi tal-UE: l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja b'żewġ proġetti rebbieħa.

Fil-15 ta' Diċembru, aħna ċċelebrajna l-kisbiet fantastiċi tagħhom fiċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet fi Brussell.

It-tliet proġetti rebbieħa kollha fil-kategorija taż-żgħażaġħ jgħinu lil żgħażaġħ li jaffaċċjaw diffikultajiet, peress li huma minn segmenti żvantaġġati tas-soċjetà: il-minoranza Rom, iż-żgħażaġħ li qattgħu parti mit-tfulija jew it-tfulija kollha tagħhom f'sistema ta' kura u issa jridu jiffaċċjaw id-dinja waħidhom, jew huma soċjalment esklużi għal diversi raġunijiet.

It-tliet proġetti dwar l-Ukrajna għenu lir-refuġjati b'modi differenti, billi għenuhom fil-fruntieri meta waslu l-ewwel darba u ġabru l-għajnuna, ħadu ħsieb it-tfal bil-kanċer, jew ippermettew lill-Ukreni jintegraw bla xkiel fil-komunitajiet il-ġodda tagħhom.

Ippermettuli nagħlaq l-introduzzjoni għal din l-edizzjoni speċjali tal-KESE Info dwar il-Premju għas-Soċjetà Ċivili billi nteni kliem Martyna Kowacka, rappreżentanta tar-rebbieħ Pollakk tagħna li, f'ġest simboliku, ġabet id-Dawl ta' Paċi ta' Betlem fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni u ġibdet l-attenzjoni dwar l-importanza li nikkumbattu l-ħażen u nibnu valuri bħat-tolleranza, il-ħbiberija u r-rieda għall-għajnuna.

Hija qalet li tittama li kulħadd jagħmel il-kontribut tiegħu stess sabiex, xi darba, naraw id-dawl tal-paċi jieħu post in-nar tal-gwerra.

Aħna nemmnu li, bis-saħħa tal-isforzi altruistiċi u numerużi miċ-ċittadini li ta' kuljum jikkontribwixxu biex id-dinja ssir post aħjar, in-nar tal-gwerra dalwaqt se jintefa u jinbidel bid-dawl tal-paċi. U bil-premju tagħna, irridu nagħtu ġieħ mhux biss lir-rebbieħa u lill-kandidati tagħna iżda wkoll lill-individwi u l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha li jkomplu jġibu dawl fil-komunitajiet tagħhom.

Cillian Lohan, Viċi President għall-Komunikazzjoni

[SEGWI L-ĊERIMONJA TAL-ĠOĠI TAL-PREMJU TAS-SOĠJETÀ ĊIVILI 2022](#)

Għix il-mumentu taċ-ċerimonja tal-premjazzjoni billi tara l-filmat tagħna!

[ARA L-FILMATI DWAR IL-PROĠETTI TAL-PREMJU TAS-SOĠJETÀ ĊIVILI 2022](#)

Hawn taħt tista' tara l-filmati dwar il-proġetti rebbieħa.

Learning by doing

Superpower School

Care Leavers Network Italia

Asociația SUS INIMA

You are in a Safe Place

L-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscoots u l-Guides



[IL-PREMJU GĦAS-SOĦJETÀ ĊIVILI 2022 FIL-MIDJA](#)

Din hija ġabra ta' titli li dehru fil-midja sal-lum dwar il-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2022.

Il-Bulgarija - BTA: [Европейска институция връчва годишните си награди за гражданското общество за 2022 г.](#)

Il-Kroazja - HIA: [Mladi i Ukrajina - glavne teme ovogodišnjeg natječaja Europskog gospodarskog i socijalnog odbora](#)

L-Italja - Vita: [La rete dei ragazzi fuori famiglia premiata a Bruxelles](#)

L-Italja - Eunews: [L'Italia al Premio Cese per la società civile: fra i vincitori l'associazione Agevolando](#)

Il-Polonja - TVP: [Polscy harcerze wyróżnieni nagrodą dla Społeczeństwa Obywatelskiego 2022](#)

Il-Polonja - Onet: [Rusza konkurs o europejską nagrodę. Dwa tematy](#)

Il-Portugall - Diário do Minho: [Europa precisa mais do que nunca de bons exemplos de cidadania ativa](#)

Ir-Rumanija - Radio Romania International: [România câștigă din nou Premiul Societății Civile](#)

Ir-Rumanija - Curierul Național: [Asociația românească "Sus Inima" câștigă ediția din 2022 a Premiului CESE pentru societatea civilă](#)

NEW PUBLICATIONS



Qarqet l-edizzjoni tal-2022 tal-fuljett dwar il-Premju għas-Soċjetà Ċivili - agħtih daqqa t'għajn!

Il-KESE ppubblika fuljett dwar is-sitt rebbieħa tal-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili 2022. Dan il-fuljett jippreżenta eżempji eċċezzjonali ta' involviment tas-soċjetà ċivili fil-ħolqien ta' futur aħjar għaż-żgħażagħ u fl-għajnuna lill-vittmi tal-gwerra Ukreni.

Tista' tniżżel il-fuljett minn hawn: <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/publications-other-work/publications/2022-eesc-civil-society-prize-youth-and-ukraine> (ab)

A?BARIJET TAL-KESE



Fundación Secretariado Gitano ta' Spanja u l-asso? jazzjoni Rumena SUS INIMA jirb?u l-Premju tal-KESE g?as-So?jetà ?ivili 2022 fil-kategoriji “I?-?g ?a?ag?” u “L-Ukrajna”

Eċċezzjonalment, il-premju ta' din is-sena ngħata għal żewġ settijiet ta' rebbieħa minn żewġ kategoriji: dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh u dwar is-soċjetà ċivili Ewropea għall-Ukrajna

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ta premjijiet lil sitt organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-proġetti eċċezzjonali tagħhom, li huma eżempji mill-aqwa tal-impenn tas-soċjetà ċivili biex jinħoloq futur aħjar għaż-żgħażaġh tal-Ewropa u biex tittaffa l-qagħda mwiegħra tal-

Ukreni li qed ibatu minħabba l-invażjoni brutali tar-Russja f'pajjiżhom.

Il-premju ta' **EUR 60 000** tqassam bejn sitt proġetti rebbieħa. L-assoċjazzjoni Spanjola [Fundación Secretariado Gitano](#) ħadet l-ewwel premju ta' **EUR 14 000** fil-kategorija taż-żgħażaġh. Il-proġett tagħhom “Learning by Doing” jindirizza l-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh Rom. L-istess ammont ingħata lill-[Asociația SUS INIMA](#) tar-Rumanija, ir-rebbieħa tal-ewwel premju għal proġett relatat mal-Ukrajna. L-assoċjazzjoni Rumena qed tgħin lir-refuġjati Ukreni biex jintegraw bla xkiel fis-soċjetà Rumena.

L-erba' assoċjazzjonijiet l-oħra rċevew **EUR 8 000** kull wieħed. Il-klassifikazzjoni finali tagħhom hija kif ġej:

KATEGORIJA 1 - ŻGHAŻAĠH

It-2 Premju - [Movimento Transformers](#) (il-Portugall)

It-3 Premju - [Associazione Agevolando](#) (l-Italja)

KATEGORIJA 2 - UKRAJNA

It-2 Premju - [Villavecchia Foundation](#) (Spanja)

It-3 Premju - [Polish Scouting and Guiding Association](#) (il-Polonja)

Waqt iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni li saret fi Brussell, il-President tal-KESE **Christa Schweng** ferħet lis-sitt rebbieħa u rringrazzjat lill-kandidati kollha għall-applikazzjonijiet tagħhom mimlijin ideat: “Is-solidarjetà u l-inizjattivi tagħkom favur l-Ukrajna għamlu differenza għal mijiet ta' eluf ta' nies. L-inizjattivi tagħkom biex isaħħu l-pożizzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati se jkollhom impatt fuq ħajjithom. Il-proġetti u l-impenn tagħkom biex timplimentawhom huma eżempju ġenwin ta' ċittadinanza attiva. F'dawn iż-żminijiet diffiċli, l-Ewropa teħtieġ dawn l-eżempji u l-impenn tagħkom aktar minn qatt qabel!”

Waqt li qassam il-premijiet, il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, **Cillian Lohan**, qal “Bħalissa qed naffaċċjaw sfidi globali enormi: it-tibdil fil-klima, il-paċi, is-sigurtà tal-enerġija, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji emerġenti oħra, l-iżvilupp sostenibbli u ħafna aktar. Irridu nivvalutaw kif imiss l-impatt tal-politiki kollha tagħna fuq iż-żgħażaġh u jeħtieġ ukoll li ninvolvuhom fl-istadji kollha tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Wasal iż-żmien li mis-smiġh u l-konsultazzjoni taż-żgħażaġh ngħaddu għall-kokreazzjoni, il-kodisinn u l-koproduzzjoni.

REBBIEĦ TAL-EWWEL PREMJU

“**Learning by Doing**”, immexxi mill-[Fundación Secretariado Gitano](#), ta’ Spanja, ġie vvutat bħala l-aktar proġett eċċellenti relatat maż-żgħażaġħ. Dan jittratta l-qgħad fost iż-żgħażaġħ Rom ta’ bejn is-16 u t-30 sena. Permezz ta’ sħubija pubblika-privata, il-programm jgħaqqad it-taħriġ teoretiku u prattiku bil-għan li jelimina l-isterjotipi u l-preġudizzji kontra l-popolazzjoni Rom fil-kumpaniji involuti fl-inizjattiva, u jindirizza l-esklużjoni soċjali aktar ġenerali.

Bil-proġett tagħha dwar **Integrazzjoni bla xkiel tar-refuġjati Ukreni fin-nisġa soċjali Rumena - punt fokali fil-kontea ta’ Sibiu**, l-assoċjazzjoni tar-Rumanija [SUS INIMA](#) ħadet l-ewwel premju fil-kategorija “Is-soċjetà ċivili Ewropea għall-Ukrajna”. Sal-lum, din l-NGO għenet għexieren ta’ eluf ta’ refuġjati Ukreni. B’differenza mill-ħidma tas-soltu tagħha li toffri appoġġ għall-pazjenti bil-kanċer, SUS INIMA żviluppat għadd ta’ inizjattivi biex tgħin lill-Ukreni, li jvarjaw minn attivitajiet tal-iskola u t-tfittxija ta’ impjieg, sal-għoti ta’ terapija u appoġġ psikoloġiku. Dan min-naħa tiegħu ppermetta lill-familji Ukreni biex jintegraw bla xkiel fis-soċjetà Rumena, peress li ngħataw sens ta’ appartenenza u rifuġju sikur – kemm fiżiku kif ukoll mentali.

AKTAR DWAR PROĠETTI REBBIEĦA OĦRAJN

KATEGORIJA 1: INSAĦĦU L-POŻIZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAĠĦ

It-tieni premju fil-kategorija taż-żgħażaġħ ingħata lill-assoċjazzjoni Portugiża [Movimento Transformers](#) u lill-programm ta’ volontarjat **Superpower School** tagħhom, fejn il-mentors jagħtu klassijiet kull ġimgħa lill-istudenti, l-aktar lit-tfal u ż-żgħażaġħ f’riskju ta’ esklużjoni soċjali. Il-programm jippermetti liż-żgħażaġħ jiskopru t-talenti tagħhom – f’oqsma bħat-tisjir, l-arti marzjali, il-fotografija u l-kitba kreattiva – u jiżviluppaw ħiliet li jagħtuhom il-mezzi biex isiru aġenti tal-bidla u jagħtu lura dak li tgħallmu biex jittrasformaw b’mod pożittiv il-komunità tagħhom.

Ir-rebbieħa tat-tielet premju, [Associazione Agevolando](#) mill-Italja, hija favur id-drittijiet u l-benesseri tal-minorenni u l-adulti żgħażaġħ li qattgħu parti mit-tfulija jew tfulithom kollha tagħhom f’foster care jew f’kura residenzjali u li jeħtieġ li jsiru indipendenti malli jilħqu l-età maġġuri. L-inizjattiva **Care Leavers Network Italia** hija network informali madwar il-pajjiż kollu ta’ żgħażaġħ ta’ bejn is-16 u s-26 sena li kienu fis-sistema tal-kura tas-saħħa. L-għanijiet ewlenin tagħha huma li tinkoraġġixxi l-opportunitajiet għall-iskambju u t-tagħlim.

KATEGORIJA 2 - IS-SOĊJETÀ ĊIVILI EWROPEA GĦALL-UKRAJNA

It-tieni premju ngħata lill-[Villavecchia Foundation](#) (Spanja). **Bil-fond ta’ emerġenza** tagħha “**You are in a Safe Place**”, din ipprovdiet kura tas-saħħa għall-pazjenti żgħażaġħ bil-kanċer u l-ġenituri tagħhom. Tfal Ukreni morda serjament tneħħew mit-tkexkix tal-gwerra minn organizzazzjonijiet internazzjonali li wassluhom lura f’sikurezza biex jissoktaw bit-trattament tagħhom. Wieħed minn dawn il-postijiet sikuri kien Barċellona, fejn il-fondazzjoni kienet qed tistinka biex lil dawn il-pazjenti Ukreni żgħażaġħ u l-familji tagħhom toffrilhom l-aħjar kwalità tal-ħajja possibbli billi tiżgura li jiksbu kura komprensiva fil-livelli kollha.

It-tielet post ħaditu [Polish Scouting and Guiding Association](#) (ZHP), l-akbar organizzazzjoni mhux formali tal-edukazzjoni taż-żgħażaġħ tal-pajjiż, li mmobilizzat biex tgħin lill-Ukreni hekk kif bdiet il-gwerra. Il-voluntiera ta’ ZHP żammew preżenza fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri, iggwidaw lin-nies lejn is-sikurezza, ipprovdew informazzjoni, ġabru u ttrasportaw donazzjonijiet u organizzaw “rondi mal-fruntieri” biex joffru l-ewwel għajnuna. Hija ffokat b’mod partikolari fuq it-tfal Ukreni, il-ġbir ta’ ġugarelli, l-appoġġ psikoloġiku

tagħhom u l-inklużjoni tagħhom f'attivitajiet ta' scouting.

DWAR IL-PREMJU GĦAS-SOĊJETÀ ĊIVILI 2022

Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili ta' din is-sena attira 106 kandidat minn 21 Stat Membru: 60 għall-kategorija 1 (Żgħażaġħ) u 46 għall-kategorija 2 (l-Ukrajna).

Il-KESE jittama li l-premju tiegħu jħeġġeġ lis-soċjetà ċivili tkompli turi solidarjetà mal-poplu Ukren u tkompli tagħti l-vuċi u l-mezzi lill-ġenerazzjoni li hija l-futur tal-Ewropa.

Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili jingħata għal "eċċellenza f'inizjattivi tas-soċjetà ċivili". Kull sena, il-premju jkopri aspett differenti tal-ħidma tal-KESE. Fl-2021, ippremja proġetti li kienu qed jindirizzaw b'mod kreattiv il-kriżi klimatika. Fl-2020, il-KESE nieda Premju ta' darba għas-Solidarjetà Ċivili, li kien iddedikat għall-ġlieda kontra l-COVID-19. It-tema fl-2019 kienet l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.

Aktar informazzjoni dwar il-Premju għas-Soċjetà Ċivili tal-2022 hija disponibbli [hawnhekk](#).



Kont taf?

Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola fost iż-żgħażaġh Roma hija ta' 64 % meta mqabbla ma' 19 % fil-popolazzjoni ġenerali, u 78 % m'għandhomx ħiliet bażiċi peress li qatt ma temmew l-edukazzjoni obbligatorja. Ir-rati tal-qgħad taż-żgħażaġh Roma huma tliet darbiet ogħla minn dawk tal-pari tagħhom fil-bqija tas-soċjetà. **Il-programm Learning by Doing**, żviluppat mir-rebbieħ tagħna fil-kategorija taż-żgħażaġh, **Fundación Secretariado Gitano**, Spanja, qed jiġġieled biex ibiddel dan. Il-programm joffri liż-żgħażaġh Roma opportunità biex jiksbu esperjenza ta' xogħol u jirċievu taħriġ f'kumpaniji ewlenin li ssieħbu fl-inizjattiva. Ir-riżultati diġà qegħdin hemm: 55 % minn madwar 3 500 żaġħżuġh Roma li ħadu sehem fil-programm kisbu impjeg u 32 % marru lura l-iskola.

L-edukazzjoni ta' studenti żgħażaġh fis-**Superpower School**, programm ta' volontarjat immexxi mir-rebbieħ tagħna mill-Portugall, **Movimento Transformers**, ma tispiċċax hemm. Għandhom "jagħtu lura" lill-

komunità dak li tgħallmu. Jagħmlu dan billi jidentifikaw problema soċjali u jsolvuha bit-talent jew "superpotenza" li jkunu kisbu. Għalkemm l-istudenti tas-Superpower School – l-aktar tfal u żgħażaġh f'riskju ta' esklużjoni soċjali – għandhom klassijiet ta' kull ġimgħa li fihom jistgħu jiżviluppaw talenti bħat-tisjir, il-fotografija, il-kitba kreattiva jew l-iskejzjar, il-mentors tagħhom jaħdmu wkoll magħhom biex jiżviluppaw ħiliet differenti u jgħallmuhom dwar valuri bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sostenibbiltà ambjentali jew soċjali u l-komunikazzjoni pożittiva. Madwar 80 % ta' dawk li attendew is-Superpower School jgħidu li issa jafu aħjar x'għandhom jagħmlu fil-ħajja u 30 % waqfu jirċievu marki ħżiena.

The Care Leavers Network tnieda mir-rebbieħ Taljan tagħna, l-organizzazzjoni volontarja **Agevolando**, bħala proġett sperimentali implimentat fir-reġjun tal-Emilia Romagna tal-Italja fl-2014. Illum dan huwa

proġett nazzjonali, preżenti fi 12-il reġjun Taljan. Sal-lum involva 500 żagħżuġ li jtilqu mill-kura minn madwar l-Italja, li ħarġu b'suġġerimenti għall-innovazzjoni fis-sistema tal-kura u taw impulsi ġodda lill-politiki nazzjonali li għandhom jgħinu liż-żgħażaġh iqumu bis-sod fuq saqajhom ladarba jtilqu mis-sistema. Waħda mill-kisbiet tagħhom hija l-Fond Sperimentali Nazzjonali għal dawk li jtilqu mill-kura, li jipprovd i appoġġ konkret għaż-żgħażaġh sa 21 sena.

Ir-rebbieħ tal-ewwel premju tagħna għall-Ukrajna, l-assoċjazzjoni Rumena **SUS INIMA**, ibbażat il-mudell tagħha ta' integrazzjoni tar-refuġjati fuq kwestjonarju sempliċi li fih mistoqsijiet dwar kwistjonijiet differenti bħall-edukazzjoni, is-servizzi mediċi, l-aċċess għall-ħtiġijiet bażiċi, il-kwalità ġenerali tal-ħajja eċċ. Ladarba tikseb it-tweġibiet tiżviluppa attivitajiet u inizzjattivi biex tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu kif iddikjarati minn dawk li wieġbu. Din bniet fiduċja bejn is-soċjetà ospitanti u r-refuġjati u malajr ippermettiet li dawn tal-aħħar isiru membri tal-komunità.

“You are in a Safe Place” mhuwiex biss l-isem tal-fond ta' emerġenza Spanjol għat-tfal Ukreni bil-kanċer li reġġhu bdew il-kura medika tagħhom f'Barċellona wara li l-gwerra waslet f'pajjiżhom. Huwa wkoll l-ewwel frażi li qalu l-membri tal-**fondazzjoni Villavechia**, l-assoċjazzjoni li topera l-fond, lill-ommijiet u membri oħra tal-familja ta' 16-il pazjent żagħżuġ bil-kanċer meta waslu f'Barċellona f'nofs Marzu 2022. Biex il-frażi ssir realtà, il-fondazzjoni Villavechia ngħaqdet ma' ħafna sptarijiet, voluntiera u entitajiet oħra biex tiżgura li pazjenti żgħażaġh u l-familji tagħhom jiġu kkurati u appoġġjati bl-aħjar mod possibbli.

L-assoċjazzjoni Pollakka tal-iscouts u l-gwidi (PSGA) ilha tgħin b'mod attiv lir-refuġjati Ukreni mill-ewwel jum li attakkat ir-Russja. L-iscouts tagħha kienu preżenti f'sitt punti ta' qsim tal-fruntiera, u matul l-ewwel xahar tal-gwerra għenu direttament lil aktar minn 1,5 miljun refuġjat. B'mod ġenerali, minn madwar tliet miljun ċivili Ukreni li ħarbu mill-pajjiż lejn il-Polonja, wieħed minn kull tlieta rċieva assistenza f'ċentri mmexxija minn scouts u wieħed minn kull ħames tifel u tifla pparteċipaw f'attivitajiet immexxija mill-iscouts. Matul l-ewwel xhur is-servizz tal-volontarjat kien ipprovdut 24 siegħa kuljum. Il-PSGA ġabar ukoll 127 tunnellata ta' għajnuna, li ntbagħtet lill-Ukrajna. (II)

MINN FOMM IR-REBBIE?A



Inkissru l-isterjotipi: Il-fatt li jien Rom ma jfissirx li ma rridx na?dem jew nisfrutta l-potenzjal tieġ?i

Ir-rebbieħa tal-ewwel premju, Fundación Secretariado Gitano ta' Spanja, nediet il-proġett tagħha "Aprender Trabajando" (Nitgħallem billi Naħdem) fl-2013. F'dawn l-10 snin, il-proġett ta opportunità lil aktar minn nofs iż-żgħażaġħ Rom li ħadu sehem biex isibu xogħol, u lil terz minnhom biex jirritornaw fis-sistema tal-edukazzjoni biex itemmu l-edukazzjoni sekondarja obbligatorja tagħhom. Madankollu, l-aktar fatt impressjonanti huwa li 87% taż-żgħażaġħ li pparteċipaw jgħidu li ħajjithom marret għall-aħjar, u 94% tal-kumpaniji li ħadu sehem fil-proġett

billi impjegawhom qalu li huma lesti li jerġgħu jagħmlu dan. Raúl Pérez minn Fundación Secretariado Gitano jagħtina aktar informazzjoni.

KESE info: X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Il-proġett *Aprender Trabajando* (Nitgħallem billi Naħdem) tnieda fl-2013 fi żmien ta' kriżi ekonomika globali, li fil-każ ta' Spanja wasslet għal rati għoljin ta' qgħad, fost affarijiet oħra. Il-qgħad affettwa l-aktar liż-żgħażaġħ: "Fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ kienet f'livell inaċċettabbli ta' 55.48% ([Rapport dwar iż-Żgħażaġħ u is-Suq tax-Xogħol](#), Ġunju 2014, Ministru għall-Impjieg u s-Sigurta Soċjali). Fil-każ tal-popolazzjoni Rom fi Spanja, li 60% minnhom huma taħt it-30 sena u li r-rata ta' qgħad hija ġeneralment tliet darbiet aktar minn dik tal-popolazzjoni ġenerali, is-sitwazzjoni kienet aggravata mill-fatt li ħafna drabi huma ma għandhomx kwalifiki bażiċi obbligatorji (17% biss itemmu l-edukazzjoni minima obbligatorja), u la jkollhom taħriġ u lanqas esperjenza ta' xogħol preċedenti (66% taż-żgħażaġħ Rom huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ) ([Studju komparattiv dwar is-sitwazzjoni tal-popolazzjoni Rom fi Spanja fir-rigward tal-impjieg u l-faqar](#) (2018), Fundación Secretariado Gitano).

Ittieħdu bosta miżuri fil-livell nazzjonali sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni (eż. l-Istrateġija għall-intraprenditorija u l-impjieg taż-żgħażaġħ 2013-2016), kif ukoll fil-livell tal-UE (eż. il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ). Il-Fundación Secretariado Gitano, li dak iż-żmien irċeviet fondi mill-programm operazzjonali tal-Fond Soċjali Ewropew "Il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni" biex tiżviluppa *Acceder*, programm ta' taħriġ u ta' impjieg immirat għall-popolazzjoni Rom, kellha l-opportunità (permezz tal-fondi Ewropej) biex tittestja mudell ta' taħriġ ġdid għaż-żgħażaġħ Rom li ġejjin minn sfondi vulnerabbli.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tista' tagħtina xi eżempju?)

Matul l-10 snin tal-iżvilupp tiegħu, il-proġett *Aprender Trabajando* ħarreġ aktar minn 3 500 persuna Rom taħt it-30 sena, bħala beneficijarji tal-iskema nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li kienu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ. Permezz ta' dan il-proġett, 55% minnhom daħlu f'impjieg, u 32% irritornaw fis-sistema tal-edukazzjoni sabiex itemmu l-edukazzjoni sekondarja obbligatorja tagħhom. 87% taż-żgħażaġħ li pparteċipaw qalu li ħajjithom marret għall-aħjar, u 96% tal-kumpaniji msieħba huma lesti li jaħdmu mill-ġdid ma' *Aprender Trabajando* (skont ir-[Rapport Eżekuttiv tal-proġett Aprender Trabajando 2013-2021](#)).



Hawnhekk nippreżentaw żewġ testimonjanzi ta' żewġ persuni li pparteċipaw fil-proġett *Aprender Trabajando*, li jidhru wkoll fil-vidjo li għamilna sabiex niċċelebraw l-10 anniversarju tal-proġett: [10 años. Aprender Trabajando, 2022](#):

“Kont mingħajr xogħol għal sentejn. Spiċċajna mingħajr dar, interrqu minn post għall-ieħor, mingħajr idea fejn se nispiċċaw. Ikkuntattajt lil *Aprender Trabajando* għax ridt nitħarreġ u nsib xogħol”. Din hija t-testimonjanza ta' Manuel Lizárraga, li pparteċipa f'*Aprender Trabajando* fis-sede ta' Fundación Secretariado Gitano f'Burgos. Illum huwa jaħdem mal-kumpanija Alcampo.

Maria Bruno bi kburija tistqarr li: “Jien ridt naħdem u nisfrutta l-potenzjal tiegħi bħala persuna bħal ħaddieħor. Il-fatt li jien Rom ma jfissirx li ma rridx naħdem jew nisfrutta l-potenzjal tiegħi”. Maria ħadet sehem f'*Aprender Trabajando* f'Madrid mal-kumpanija Bricodepot, li tinsab f'Getafe. “Tassew nieħu gost naħdem. Inħobb il-post u ninsab imdawra minn nies meraviljużi. Jittrattawni bħala persuna, mhux bħala t-tfajla l-ġdida jew ir-Rom il-ġdida”.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Sa mill-bidu tagħhom, il-programmi *Acceder* u *Aprender Trabajando* kellhom dimensjoni urbana, ġew żviluppati fil-bliet prinċipali ta' Spanja u ffukaw l-aktar fuq l-impjeg fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari fiż-żoni urbani. B'hekk l-ambitu tagħhom huwa limitat u jħalli barra lill-popolazzjoni Rom li tinsab f'żoni rurali, li minkejja li taffaċċja l-istess problemi bħal dawk li jiġu affaċċjati fil-bliet f'termini ta' diskriminazzjoni jew restrizzjonijiet għall-aċċess tagħhom għall-impjeg, huma ma għandhomx l-istess opportunitajiet biex jaċċessaw dan it-tip ta' appoġġ.

Waħda mill-isfidi hija li nestendu din l-esperjenza lill-akbar numru possibbli ta' persuni Rom, nadattaw il-mudell sabiex nilħqu lil dawk iż-żoni fejn jgħixu għadd sinifikanti ta' persuni Rom, iżda fejn l-organizzazzjoni ma għandhiex ufficiċċi (prinċipalment ambjenti rurali), u ninvolvu negozji minn setturi oħra minbarra dawk mis-setturi tradizzjonali tal-kummerċ u tal-ospitalita.

Għal dan il-għan, jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu, nipplanaw li nużaw dawn il-fondi sabiex nifinanzjaw studju (jew parti minn studju) biex nadattaw il-mudell tal-proġett *Aprender Trabajando* għal ambjenti rurali, u għal setturi ġodda lil hinn mis-setturi tal-kummerċ u tal-ospitalità.

F'każ li ma jkunx possibbli li l-fondi jintużaw għal dan l-istudju, aħna se ninvestuom fil-proġett *Aprender Trabajando*, billi nixtru materjali għall-attivitajiet fil-fażi tat-teorija.

X'parir tagħti lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn aktivitajiet u programmi bħal dawn?

- Kull proġett ta' integrazzjoni jrid jinkludi kooperazzjoni ma' kumpaniji matul il-proġess kollu ta' tfassil, implimentazzjoni u monitora??.
- Huwa importanti li fil-bidu jkun hemm proġetti pilota, u li mill-bidu ti?i anti?ipata l-possibbiltà ta' tkabbir ulterjuri, jekk l-esperjenza tkun po?ittiva.
- Huwa tajjeb li jkun hemm rwol ta' tutur, kemm mill-NGO kif ukoll mill-kumpanija, u li ji?i ?ġurat li l-proġess ta' komunikazzjoni u ta' koordinazzjoni bejn i?-?ew? partijiet ikun ?ar.
- Huwa tajjeb li jkun hemm ta?lita ta' ta?ri? teoretiku u prattiku f'ambjenti ta' xog?ol reali b?ala mod effettiv sabiex it-ta?ri? jirrispondu g?all-?ti?ijiet tas-suq tax-xog?ol u mod biex ji?u promossi opportunitajiet ta' xog?ol.
- Il-korsijiet u l-proġessi ta' ta?ri? je?tie? li jkunu adattati g?all-?ti?ijiet u ?-?irkostanzi tal-benefi?jarji, sabiex ji?i ?ġurat li huma jkollhom a??ess ugwali g?al ri?orsi ta' ta?ri? u ta' impjeg.

Taħseb li l-UE qed tagħmel biżżejjed biex tgħin liż-żgħażaġħ żvantaġġati? Għandek pariri jew rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet speċifiċi?

Jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi li jiżguraw li l-pajjiżi (fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali) jimplimentaw proġetti effettivi sabiex jintegraw liż-żgħażaġħ l-aktar żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, u li dawn il-proġetti verament jilħqu lil dawk li jeħtiġuhom l-aktar, bħall-popolazzjoni Rom. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-interventi jkollhom approċċ fit-tul, dan huwa fundamentali biex verament ikun hemm bidla fil-ħajja ta' dawn iż-żgħażaġħ.

Jista' jkun hemm kofinanzjament akbar għal dan it-tip ta' proġetti mill-fondi Ewropej sabiex ikun aktar faċli li jsir investiment fihom.

Meta jintużaw riżorsi finanzjarji Ewropej għall-impjieg (eż. investimenti kbar li qed isiru jew se jsiru permezz tal-fondi NextGenerationEU), għandu jitħeġġeġ l-użu ta' klawżoli li jirrikjedu l-impjieg ta' żgħażaġħ żvantaġġati.



[X'inhil s-superpotenza tiegħek?](#)

Studenti tas-Superpower School - li l-biċċa l-kbira tagħhom huma żgħażaġħ f'riskju ta' esklużjoni soċjali - mhux biss jiżviluppaw il-ħiliet u t-talenti tagħhom bħat-tisjir, il-fotografija jew il-kitba kreattiva. L-iskola, immexxija bħala programm ta' volontarjat mill-assoċjazzjoni Portugiża Movimento Transformers, tgħammarhom ukoll b'ħiliet u għarfien li jgħinuhom jibnu l-awtostima u jsiru membri attivi tas-soċjetà. Sirna nafu aktar minn Joana Moreira ta' Movimento Transformers.

KESEinfo: X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Nemmnu li r-raġuni li ż-żgħażaġħ ma jimpenjawx ruħhom mhux għax ma jridux jagħmlu differenza, iżda għax għadhom ma sabux l-aħjar mod biex jagħmlu dan. Kien fuq din il-premessa li ħloqna l-moviment Transformers,

li jippermetti liż-żgħażaġħ jikkontribwixxu għall-komunitajiet tagħhom billi jużaw it-talenti tagħhom.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Irċevejtu xi feedback min-nies li għentju?

Il-proġett kien suċċess u diġà mmobilizzajna aktar minn 6 000 żaġħżuġħ u żaġħżuġħa madwar il-pajjiż. Ħafna mill-apprendisti tagħna saru mentors, fejn jaqsmu l-ħiliet li tgħallmu ma' żgħażaġħ oħra, u jstabbilixxu ċiklu informali ta' għarfien u impatt sistemiku reali.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex ttiprovdu aktar għajnuna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw xi proġetti ġodda?

B'dan il-finanzjament inkunu nistgħu nżidu l-impatt tagħna billi naħdmu ma' aktar żgħażaġh fil-livell nazzjonali. Se nerġgħu nibdew ukoll l-avveniment annwali tagħna, TCONF (konferenza miż-żgħażaġh għaż-żgħażaġh), li din is-sena se tiffoka fuq is-saħħa mentali taż-żgħażaġh.

X'parir tagħti lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Li jaħdmu flimkien ma' oħrajn, ikollhom strateġija ta' promozzjoni, jirreklutaw l-aqwa nies fit-timijiet tagħhom u jitolbu l-għajnuna meta jkun hemm bżonn. Nemmu li l-kampjonati qatt ma jintrebħu billi naħdmu waħedna, u dejjem għandna bżonn l-alleati biex inkunu nistgħu nġibu bidla reali fil-politika pubblika u jkollna impatt pożittiv.

Taħseb li l-UE qed tagħmel biżżejjed biex tgħin liż-żgħażaġh żvantaġġati? Għandek pariri jew rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet speċifiċi?

Nemmen li t-triq qed tkun vjaġġata tajjeb, bi programmi ta' skambju għaż-żgħażaġh biex jiskopru d-dinja, li jagħtuhom opportunitajiet għat-taħriġ u għall-parteċipazzjoni. Madankollu, nixtieq nara aktar kondiviżjoni tal-aħjar prattiki ta' organizzazzjonijiet oħra, peress li hemm metodoloġiji li jistgħu jaqsmu l-fruntieri; pereżempju, il-programm tagħna ta' Superpower Schools, li jista' jiġi implimentat minn kwalunkwe organizzazzjoni tal-UE li taħdem maż-żgħażaġh żvantaġġati.



[A?enti tal-bidla](#)

L-assoċjazzjoni Agevolando hija organizzazzjoni volontarja Taljana li tgħaqqad flimkien minorenni u adulti żgħażaġh li qattgħu parti mit-tfulija tagħhom, jew kollha kemm hi, fil-kura u jkollhom jitolbu mis-sistema biex jgħixu b' mod indipendenti. Peress li din it-tranżizzjoni mhix faċli, Agevolando ħolqot proġett li rebaħhom il-Premju tas-Soċjetà Ċivili 2022 fil-kategorija taż-żgħażaġh - Care Leavers Network (CLN). L-għan tagħha huwa li toħloq spazju għal dawk li jitolbu mill-kura biex joħorġu bil-proposti u s-soluzzjonijiet tagħhom stess u biex isiru atturi ewlenin fil-ħolqien ta' sistema ta' kura li tassew tissodisfa l-bżonnijiet tagħhom kif ukoll biex il-vjaġġ lejn età adulta tkun bla xkiel kemm jista' jkun għal kulħadd fis-sitwazzjoni tagħhom. Tkellimna mal-president u mal-persuna inkarigata għall-proġett Care Leavers' Network, Federico Zullo u Cecilia Dante.

KESE Info: X'hegġgħkom tibdew din l-inizjattiva?

CLN (Care Leavers Network) inħoloq wara li deher ċar li “care leavers” involuti b’mod attiv fl-assoċjazzjoni Agevolando kellhom bżonn li jkollhom spazju ddedikat għalihom, biex ikunu jistgħu “iqabblu n-noti” ma’ xulxin u kollettivament joħroġu bi proposti. għal titjib fis-sistema tal-kura u t-tranżizzjoni sussegwenti għall-età adulta fl-Italja u fl-Ewropa. Agevolando għażel li jippromovi l-appoġġ tal-care leavers billi jwettaq dan il-proġett, li, mill-2013 ‘l hawn, ippermettelihom li jkollhom rwol ewlieni fit-tressiq ta’ proposti u jidħlu f’diskussjonijiet ma’ istituzzjonijiet u professjonisti, li qed iġib bidla reali fis-sistema ta’ kura għat-tfal u t-tluq mill-kura fl-Italja.

Kif intlaqa’ l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback min-nies li għent u jekk iva, tistgħu tagħtuna eżempju?

Il-proġett intlaqa’ tajjeb ħafna mill-istituzzjonijiet iddedikati għat-tfal f’pajjiżna, kemm fuq livell lokali kif ukoll nazzjonali. Fl-2015, Garante Nazionale per l’Infanzia e l’Adolescenza (l-Ombudsman Taljan għat-Tfal u l-Adolexxenti) xtaq jappoġġja l-espansjoni tas-CLN biex ikun korp nazzjonali – qabel kien jeżisti biss fl-Emilia Romagna – u minn dakinhar involva dawk li jtilqu mill-kura f’ħafna reġjuni, u kull sena jkun hemm talbiet biex jiġi estiż f’oħrajn, li juri rikonoxximent tal-valur tal-proġett. Iż-żgħażaġħ involuti fis-CLN japprezzaw ħafna l-għanijiet u r-riżultati tiegħu, kemm f’dak li għandu x’jaqsam mal-influenza li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom kellhom fuq il-leġiżlazzjoni u l-kultura professjonali, kif ukoll fir-rigward tar-relazzjonijiet li żviluppaw bejniethom, bil-ħsieb li jkun hemm appoġġ reċiproku, u mal-persuni ta’ kuntatt, l-adulti involuti li jsegwu l-progress tagħhom u jiffaċilitaw il-proċessi varji. Ħafna żgħażaġħ involuti fil-proġett setgħu jibbenefikaw minn proġetti interni u opportunitajiet oħra pprovduti mill-assoċjazzjoni (bil-proġett “Se avessi” pereżempju, ġew ukoll appoġġjati finanzjarjament f’termini ta’ appoġġ psikoloġiku, ta’ akkomodazzjoni, ta’ studju u ta’ xogħol).

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tippovdu aktar għajnuna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw xi proġetti ġodda?

Il-fondi se jintużaw biex jiżguraw il-kontinwità tal-proġett u s-sostenibbiltà tiegħu maż-żmien. Fl-Italja, huwa diffiċli li ssib fondi u riżorsi biex jiġu appoġġjati l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ u proġetti ta’ promozzjoni, li mhumieq mifruxa biżżejjed. Din id-diffikultà ma tpoġġix f’dubju l-importanza u l-validità tal-proġett u l-ħtieġa li jitwettaq tul iż-żmien b’mod sistematiku, sabiex il-madwar 6 000 care leaver kollha li jħallu s-sistema tal-kura kull sena fl-Italja meta jilħqu l-età ta’ 18-il sena jistgħu jagħżlu li jissieħbu mas-CLN.



X’parir tagħtu lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta’ riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Nirakkomandaw li jiġu ffaċilitati mogħdijiet għall-involvement attiv u t-tmexxija taż-żgħażaġħ – kemm dawk li jtilqu mill-kura kif ukoll żgħażaġħ oħra b’diffikultajiet – sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw lilhom infushom bħala assoċjazzjonijiet u jibnu mogħdijiet ta’ promozzjoni u ta’ għajnuna reċiproka flimkien, billi jippromovu azzjonijiet biex jinvolvu żgħażaġħ oħrajn f’kooperazzjoni mill-qrib ma’ organizzazzjonijiet li jesprimu l-fehmiet ta’ professjonisti u adulti, fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

Taħsbu li l-UE qed tagħmel biżżejjed biex tgħin liż-żgħażaġħ żvantaġġati? Għandkom pariri jew rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet speċifiċi?

L-UE qed tagħti attenzjoni aktar sinifikanti u prattika fuq iż-żgħażaġħ li jgħixu f’kundizzjonijiet żvantaġġati milli għamlet fil-passat, iżda għad hemm ħafna xi jsir f’termini ta’ promozzjoni ta’ drittijiet u opportunitajiet

universali għall-inklużjoni sħiħa tagħhom. Nipproponu li għandu jkun hemm investment konsiderevoli fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f'kull qasam ta' attività u ħajja, biex b'hekk jippromovu t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom u jiffaċilitaw proċessi ta' tisħiħ tal-pożizzjoni li jistgħu jrawmu parteċipazzjoni qawwija u kostruttiva fis-soċjetà. Aħna nemmnu li tista' tagħmel differenza kruċjali jekk l-Istati Membri tal-UE jingħataw struzzjonijiet biex idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi, inklużi dawk istituzzjonali, biex jiggarantixxu tali miżuri parteċipattivi b'mod sħiħ, b'allokazzjoni mmirata u adegwata tar-riżorsi.



Dari hija darek

SUS Inima s'issa għenet għexieren ta' eluf ta' refuġjati Ukreni biex isibu post fejn jgħixu, ikopru l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom jew jingħataw l-edukazzjoni. Toffrilhom ukoll appoġġ psikoloġiku biex jaffaċċjaw it-trawma tal-gwerra. Bħalissa qed tiġi stabbilita l-infrastruttura biex tgħin lir-refuġjati jsibu triqthom fil-qafas ekonomiku u legali tar-Rumanija. Dan kollu bil-għan li jkunu jistgħu jintegraw fis-soċjetà Rumena kemm jista' jkun mingħajr xkiel, u b'hekk iħossuhom f'darhom. Tkellimna ma' Lu Knobloch minn SUS Inima.

KESE Info: X'wassalkom biex tibdew il-proġett jew inizjattiva tagħkom?

SUS INIMA żviluppat il-programmi ta' intervent u ta' rispons għall-kriżijiet minħabba li, fuq livell lokali, kien hemm bżonn entità li tista' tikkollabora ma' korpi pubbliċi u privati, filwaqt li tiżgura t-trasparenza u pjattaforma ta' kollaborazzjoni valida għall-partijiet ikkonċernati kollha li huma lesti li jipprovdu assistenza. U minħabba l-fatt li l-maġġoranza tar-refuġjati mill-Ukrajna kienu nisa u tfal, li ħafna minnhom kienu barra mill-pajjiż għall-ewwel darba, u ma kellhom l-ebda esperjenza fil-burokrazija legali, fl-ippjanar ta' vjaġġi, eċċ. Is-sitwazzjoni kienet aktar ikkumplikata minħabba l-ostaklu tal-lingwa.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Kellkom xi feedback mill-persuni li tajtuhom għajnuna? (Tista' tagħtina eżempju, jekk għandek?)

Fil-bidu l-għajnuna offruta ntlaggħet b'ċertu nuqqas ta' rieda, madankollu, żdied sew l-għadd ta' beneficijarji grati li rċevew kull tip ta' azzjoni ta' intervent, appoġġ jew provvista ta' varjetà ta' servizzi, kemm akkomodazzjoni, trasport, kopertura tal-ħtiġijiet bażiċi (ikel u inizjattivi marbutin mal-irkupru mill-kriżi) kif ukoll edukazzjoni.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajnuna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw xi proġetti ġodda?



Il-finanzjament speċifiku se jintuża fuq żewġ binarji: 1) appoġġ psikoloġiku għar-refuġjati, primarjament għat-tfal sabiex jgħinhom jindirizzaw it-trauma; 2) l-iżvilupp ta' inizjattiva ġdida b'enfasi fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali, billi titwaqqaf infrastruttura li tista' tassisti u tagħti pariri lir-refuġjati b'fehim bażiku dwar il-qafas legali u ekonomiku għar-Rumanija, u l-promozzjoni u l-għajjnuna b'mod attiv biex isibu impjieg jew jifitħu negozju lokali, u b'hekk tippromwovi ċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni sostenibbli tas-soċjetà.

X'pariri tagħti lil organizzazzjonijiet oħrajn f'termini ta' kisba ta' riżultati b'attivitajiet u programmi b'hal dawn?

- Jiffokaw fuq il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali, il-partijiet ikkonfernati u l-NGOs minflok ma jikkompetu.
- U jibba'aw il-programmi jew l-inizjattivi kollha li jixtiequ jiżviluppaw fuq studji ta' każijiet tal-?ti?ijiet reali tal-benefiċjarji.

Tħoss li s-solidarjetà mar-refuġjati Ukreni tibda tbatti jekk il-gwerra fl-Ukrajna tippersisti? X'jistgħu u x'għandhom jagħmlu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jevitaw li dan iseħħ? L-UE jista' jkollha rwol pożittiv f'dan ir-rigward?

Is-solidarjetà għadha f'livell għoli. Madankollu, il-volum ta' appoġġ ipprovdut mill-komunitajiet lokali qed jonqos minħabba l-eżawriment tar-riżorsi. Soluzzjoni waħda għall-ħtiġijiet eżistenti hija li jissoktaw l-appoġġ u l-għajjnuna pprovduta lir-refuġjati f'termini tal-integrazzjoni tagħhom fi ħdan il-komunitajiet lokali li jinsabu fihom. Barra minn hekk, hemm is-simplifikazzjoni, sa ċertu punt, tal-burokrazija u l-proċeduri meħtieġa għar-refuġjati Ukreni biex jiġu impjegati, jifitħu kumpanija, u biex jiksibu aċċess għall-kontijiet bankarji, l-assigurazzjoni u s-servizzi mediċi. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li titnaqqas b'mod sostenibbli d-dipendenza finanzjarja minn sorsi esterni. Is-soċjetà ċivili qed taqdi rwol ewlieni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-twassil tal-għajjnuna u l-appoġġ lir-refuġjati. L-UE tista' tgħin fil-ħolqien ta' networks usa' fil-livell tal-KE, u b'hekk tappoġġja u tiffaċilita skambju ta' għarfien li jista' jkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti: l-implimentaturi u l-benefiċjarji.



[?afna idejn i?affu x-xog?ol](#)

Meta l-aħbar dwar l-evakwazzjoni ta' tfal bil-kanċer mill-Ukrajna waslet għand il-Fondazzjoni Villavecchia, il-persunal tagħha ma qagħadx jaħsibha darbtejn. Huma mill-ewwel offrew għajnuna volontarji biex jilqgħu u jassistu lit-tfal u l-familji tagħhom. Iżda biex ikunu jistgħu jagħtu lil dawn it-tfal il-kura u l-appoġġ adegwat li verament kellhom bżonn, il-fondazzjoni kellha tingħaqad ma' sptarijiet u ħafna entitajiet u voluntieri oħrajn. Flimkien, irnexxielhom joħolqu post sigur għall-pazjenti żgħażaġh f'Barċellona. Natàlia Ferrer Ametller qasmet l-istorja tagħhom magħna.

KESE info: X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Ġejna infurmati li tfal bil-kanċer kienu qed jiġu evakwati mill-Ukrajna u offrejna l-għajnuna tagħna lill-amministrazzjonijiet involuti u lill-organizzazzjoni internazzjonali li kienet qed tmexxi l-evakwazzjoni. Meta

ġejna inkarigati li norganizzaw l-operazzjoni kollha, irċevejna appoġġ immedjat mill-Fondazzjoni Internazzjonali Josep Carreras bil-ħsieb li aħna namministraw l-operazzjoni kollha flimkien. Ħafna entitajiet oħrajn offrew li jagħtu l-għajnuna. Aħna ma ħsibnihiex darbtejn; kellna nagħtu l-għajnuna tagħna f'dawk l-oqsma fejn stajna nagħmlu dan: nilqgħu u ngħinu lit-tfal bil-kanċer u nsostnu 'l-familji tagħhom, b'koordinazzjoni mal-isptarijiet ta' referenza.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tistgħu tagħtuna xi eżempju, jekk għandkom?)

Kienet esperjenza intensa ħafna u tgħallimna ħafna affarijiet. Fuq kollox, tgħallimna dwar is-sitwazzjonijiet ħorox tar-refuġjati. L-akbar diffikultà kienet il-lingwa, kif ukoll xi aspetti kulturali. Madankollu, kellna għajnuna minn ħafna voluntieri, li għamlu xogħol tremend bħala interpreti, jakkumpanjaw lit-tfal matul is-soġġorn kollu tagħhom fl-isptar, waqt il-vjaġġi bl-ambulanza, iż-żjarat u l-formalitajiet. Ħafna trattamenti pprogrressaq b'mod tajjeb ħafna u bosta tfal diġà temmew it-trattament akut tagħhom u jinsabu fil-fażi ta' terapija ta' manteniment. Xi wħud minnhom setgħu jmorru lura d-dar. Pereżempju, dan ritratt ta' wieħed mit-tfal, Mykola, u ommu, flimkien mal-ħaddiema soċjali tal-isptar tagħna. Għaddejna minn żmien diffiċli ħafna flimkien u l-aqwa rigal kien it-tbissima tat-tfal u s-sens ta' kalma ta' ommijiethom.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tippovdu aktar għajnuna fil-komunità?

Se nużawh biex inkomplu bil-ħidma tagħna. Għandna tliet familji li t-tfal tagħhom għadhom fi stadju akut minħabba kumplikazzjonijiet bit-trattament tagħhom. Jeħtieġu akkomodazzjoni, manteniment, vjaġġar, assistenza medika, traduzzjoni, eċċ., u l-bqija tal-familji jeħtieġ li jkomplu jħossuna qrib tagħhom.

Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Iva, qed naħdmu biex noħolqu l-Padiljun Victoria, li huwa ospizju pedjatriku u l-ewwel wieħed it-tip tiegħu fi Spanja. Dan se jkun post fejn jieħdu ħsieb tfal b'ma' li ma jistax jiftejjaq li jkunu fi stadji avvanzati jew fl-



aħħar jiem ta' ħajjithom. Se nirrinnovaw bini storiku f'post emblematicu ħafna fl-Isptar Sant Pau f'Barcellona.

X'parir tagħtu lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Aħna nemmnu li huwa importanti ħafna li jiġu identifikati b'mod ċar il-ħtiġijiet u li jiffasslu proġetti li jindirizzaw dak li jeħtieġ li jiġi indirizzat, ikun kemm ikun diffiċli. Trid tkun taf tisma', titgħallem, taċċetta l-għajnuna u tingħaqad ma' entitajiet oħra li jaħdmu b'mod kumplimentari. Trid tapprezza x-xogħol ta' ħaddieħor u kollha kemm aħna nimxu lejn l-istess għan flimkien.

Taħsbu li se jkun hemm ċertu għeja ta' solidarjetà fil-konfront tar-refuġjati Ukreni jekk il-gwerra fl-Ukrajna tibqa' għaddejja?

Sfortunatament, l-avvenimenti kurrenti malajr isiru aħbarijiet qodma u s-solidarjetà li jiġġeneraw tista' tkun ta' ħajja qasira. Madankollu, huwa minnu wkoll li n-nies għandhom ħafna kapaċità li jippersistu u li jiġġieldu għad-drittijiet u l-ġustizzja soċjali.

X'jistgħu u x'għandhom jagħmlu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipprevjenu li dan iseħħ?

Jistiednu lill-awtoritajiet biex ikomplu jipprovdu l-għajnuna u jsaħħu r-rwol tal-korpi soċjali.

L-UE jista' jkollha rwol pożittiv f'dan ir-rigward?

Iva, billi tippromovi rakkomandazzjonijiet fil-livell Ewropew biex il-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet jaħdmu flimkien u jiffaċilitaw il-ħidma tal-korpi rilevanti. Mhux se taħdem jekk ikollna amministrazzjonijiet li jaħdmu fuq naħa u korpi fuq oħra, mingħajr ebda rabta bejniethom. L-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom bżonn is-soċjetà ċivili u din tal-aħħar ma tistax u m'għandhiex tkun iżolata. Ħafna korpi soċjali ilhom jaħdmu mingħajr l-appoġġ tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Nafu xi sforz kbir jeħtieġ meta nkunu miftuħin u naħdmu f'network, iżda nafu wkoll li hemm, b'mod assolut, opportunità li naħdmu flimkien.



[Insawru ?enerazzjonijiet futuri ta' ?ittadini involuti](#)

L-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscounts u l-Guides, l-akbar organizzazzjoni tal-edukazzjoni mhux formali taż-żgħażaġħ fil-Polonja, kienet minn ta' quddiem biex tgħin lir-refuġjati Ukreni sa minn meta bdiet il-gwerra, u għinithom fid-diversi ħtiġijiet li qed jevolvu tagħhom. L-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscounts u l-Guides hija kburiya li l-membri tagħha ddeċidew li jaħdmu b'appoġġ għall-Ukrajna mingħajr ma ħasbuha darbtejn, u hija wkoll tista' tiegħu l-mertu għal dan. L-ideali li l-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscounts u l-Guides trawwem fil-membri żgħażaġħ tagħha jħeġġuhom jippruvaw jagħmlu d-dinja post aħjar, li huwa sforz li ikoll għandna nagħmlu ta' kuljum. Staqsejna għadd ta' mistoqsijiet lil Olga Junkuszew, il-kelliema għall-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscounts u l-Guides.

KESE Info: X'hegġgħkom tibdew il-proġett tagħkom?

Kien biss ovvju li nirrispondu għal din il-kriżi – is-servizz huwa aspett ferm importanti tal-ħidma edukattiva tal-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscoots u l-Guides. Ir-reazzjoni tal-membri tal-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscoots u l-Guides turi li l-ħidma edukattiva kontinwa tagħna u l-ideali li nittrasmettu fiż-żgħażaġħ verament għandhom impatt fuq ħajjithom, jappoġġjawhom u jhegġgħhom jagħmlu d-dinja post aħjar. Aħna kburin li l-membri tagħna ddeċidew li jaħdmu b'appoġġ għall-Ukrajna mingħajr ma ħasbuha darbtejn.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tista' tagħtina xi eżempju, jekk għandek?)

Il-proġett tagħna ntlaxxa tajjeb ħafna. Aħna nistmaw li persuna waħda minn kull tliet refuġjati Ukreni rċeviet appoġġ f'ċentri mmexxija mill-iscoots, u li madwar 6 000 tifel u tifla kellhom l-opportunità li jattendu l-kampijiet tas-sajf. Nafu li dan ta lit-tfal l-opportunità li jesperjenzaw mistrieħ fiżiku, mentali u emozzjonali li tant kellhom bżonn. L-azzjonijiet tagħna evolwew flimkien mal-ħtiġijiet li qed jinbidlu. Nafu li l-fatt li stajna nilqgħu b'mod kostanti għal sfida wara l-oħra, tqis b'mod pożittiv ħafna. Irċivejna wkoll feedback pożittiv mill-organizzazzjonijiet tal-iscoots Ukreni li għandna kuntatt magħhom.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tippovdu aktar għajjnuna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Permezz tal-premjju fi flus se nkunu nistgħu niżviluppaw aktar il-programm edukattiv tagħna, li jippermettilna nsawru ġenerazzjonijiet futuri ta' ċittadini involuti li jieħdu l-inizjattiva, u li jkunu preżenti fejn huma meħtieġa, jirrispondu għall-isfidi tad-dinja tal-lum. Permezz ta' dawn il-fondi, il-membri tal-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscoots u l-Guides se jkomplu jikbru mdawwra bi sħabhom, u jiksbu ħiliet tul il-ħajja u jibnu l-karattru tagħhom skont il-valuri tal-iscoots.

X'parir tagħti lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Aħna nemmnu li sabiex organizzazzjoni tikseb riżultati hija jeħtiġilha taħdem dejjem skont il-valuri tagħha u taġixxi biss skont il-missjoni tagħha. B'dan il-mod m'hemmx lok ta' tħassib dwar ir-riżultati jew l-involvement tal-membri tagħha.

Taħsbu li se jkun hemm ċertu għeja ta' solidarjetà fil-konfront tar-refuġjati Ukreni jekk il-gwerra fl-Ukrajna tibqa' għaddejja? X'jistgħu u x'għandhom jagħmlu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipprevjenu li dan iseħħ? L-UE jista' jkollha rwol pożittiv f'dan ir-rigward?

Dażgur! Bħala scouts tal-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Iscoots u l-Guides, aħna nemmnu li kull wieħed minna ta' kuljum għandu jagħmel sforz biex iħalli d-dinja mill-inqas ftit aħjar milli sibnieha. Dan ifisser li n-nies għandhom jiġu mħeġġa jieħdu azzjonijiet żgħira ta' kuljum li jkomplu jbiddu d-dinja ta' madwarna. L-għajjnuna lill-Ukrajna hija maratona, mhux tiġrija sprint. Jeħtieġ li niftakru dan u noffru appoġġ fil-ħajja tagħna ta' kuljum.



Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Laura Lui (ll)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffizjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b'ala s-sors u tintbag?at link lill-editur.

02/2023